ĠJULLAR RIBELL FL-IMDINA

MARIO AZZOPARDI/marazzom@go.net.mt



Dario Fo: Karikatura diġitali ta' Marzio Mariani

Bħalissa fl-Imdina waslet biex tiftaħ wirja ta' arti kontemporanja f'lokalitajiet varji. Il-wirja, ikkurata minn Giuseppe Schembri Bonaci (GSB) se tibqa' għaddejja sas-7 ta' Jannar 2016.

Sakemm qed nikteb thabbar li fil-wirja se jkun hemm esposti xogħlijiet tal-arti tad-drammaturgu u ġjullar Dario Fo, li kien inġħata l-Premju Nobel għal-letteratura fl-1997.

Kien thabbar mill-ġurnalisti li Fo kellu jasal Malta, imma l-ġjullar jinsab marid. Mid-dehra l-ġurnalisti ma nfurmawx ruħhom sew.

Ix-xogħlijiet ta' Fo huma bażati fuq xeni bibbliċi u oħrajn fuq il-ħajja ta' San Franġisk. Fo jara f'San Franġisk għannej ta' spiritwalità qawwija u fil-fatt, il-qaddis kien ikanta l-prietki tiegħu lill-ambjent u lill-kreaturi.

Hemm min josserva anomalija bejn l-ateiżmu ta' Fo u l-ġibda li għandu lejn il-qaddis minn Assisi. Dak li jorbot flimkien lil Fo u lil San Franġisk hu l-imptetu reliġjuż fis-sens wiesa' tal-kelma.

Dario Fo hu l-aktar drammaturgu u attur popolari fl-Italja u żamm din il-pożizzjoni għal aktar minn nofs seklu. (Fo wasal biex jagħlaq 90 sena). Twieled fl-1926 f'Sangiano, fil-provinċja ta' Varese u tgħallem l-għana popolari mingħand il-ħaddiema li kienu jonfdu l-ħiġieġ. Beda studji fl-arkitettura fl-Università imma ma damx ma qaleb għat-teatru. Sa minn meta kien tifel kien jirreċta billi jimita lill-fabolatori, għannejja tal-istejjer popolari li n-nisel tagħhom sehh fi żmien medjevali. Dawn tqiesu perikoluži għas-soċjetà u stajt tinsulentahom, issawwathom u ġieli anki toqtolhom b'immunità. Fl-1954 iżżewweġ lil Franca Rame, li kienet twieldet f'familja ta' atturi. Rame baqgħet sa ma mietet l-aktar kollaborattriċi stretta tiegħu.

L-istil komiku jew buffu ta' Fo hu mimli ironija u sovverżjoni. Bejn is-snin 1968-69, fl-eqqel ta' żmien il-protesti globali, Fo warrab it-teatru borġiż u organizza l-Associazione Nuova Scena bħala teatru alternattiv u ribell. Flimkien mal-Associazione ħadem fil-pjazez, fil-fabbriki u d-Djar tal-Poplu.

Sar notorju għas-suġġetti kontroversjali tiegħu u ħabat difrejh ma' istituzzjonijiet nazzjonali bħar-RAI u mal-ġerarkija Kattolika. Il-Vatikan kien ikkundanna d-drama tiegħu Mistero Buffo (dan ix-xogħol kien tradott u adattat għall-Malti minn Schembri Bonaci u nħadem bil-kant ta' għannejja Maltin).

Il-ġjullar jieħu xeni millħajja ta' kuljum u jorbothom mal-ħajja u l-passjoni ta' Kristu, li jidher dejjem bħala gabillot li jiċħad il-poter u l-ġid materjali. (Ninnutaw li anki San Franġisk kien irrinunzja b'mod radikali għallpussess materjali). Mhux darba u tnejn li Fo u martu kienu kundannati għall-filosofija atea-marxista-leninista tagħhom.

Bħala ġjullar-buffu, Fo jemmen fil-komiċità redentiva: "Mingħajrha, il-pajjiż jimtela bl-imbeċilli." Anki fid-diskors tiegħu meta rċieva l-Premju (u l-flus kbar) tan-Nobel, offra spettaklu inortodoss. Qassam fuljett mimli bid-disinji tiegħu stess. Il-ġjullar attakka anki lill-istess Akkademja u raddilha ħajr li waqqgħet mill-pedestalli l-poeti ta' Parnassu (li spiċċaw għallwarrani) u għażlet lilu, għannej li tnissel minn fost il-poplu u l-gabillotti.

Il-ġjullar jemmen f'teatru politiku u radikali. Kif qed jirreaġixxi llum Dario Fo quddiem il-miżerja u l-esplojtazzjoni tal-fqar?

Rapport tal-ILO jgħid li aktar minn 200 miljun persuna mhux se tilħaq l-età ta' sittin sena u 100 miljun oħra m'għandhomx fejn joqogħdu. Fl-Afrika 7 miljun tifel u tifla (ħamsa kull sekonda) qed imutu kull sena biex pajjiżhom iħallas iddjun kbar ma' banek barranin.

Apparti dan, hemm ġid oxxen għand il-ftit. L-aktar 225 individwi sinjuri fiddinja jaqilgħu aktar minn ħak li jdaħħlu kull sena 47% tal-popolazzjoni dinjija. L-aktar tlitt irġiel sinjuri fuq il-pjaneta (l-aktar sinjur hu Bill Gates tal-Microsoft) għandhom aktar ġid mit-total li jdaħħlu l-ifqar 48 pajjiż. Skont il-Ġnus Magħquda, jekk Bill Gates kellu jħallas l-edukazzjoni bażika, il-kura tas-saħħa u l-provista talilma għal 4.4 biljun persuna f'pajjiżi sottożviluppati, xorta waħda jibqa' biljunarju għal għaxar darbiet.

Meta kien infurmat b'dan il-ġid individwali oxxen, Dario Fo wieġeb li minkejja l-elezzjoni ta' gvernijiet taċ-ċentru-xellug jew tax-xellug, dawn xorta m'huma jagħmlu xejn biex l-istroja tinqaleb. "Kont tistenna xi forma ta' azzjoni, xi momentum kreattiv. Kliem biss dwar dak il-proġett u l-ieħor. Imma dawn il-"proġetti" m'humiex jinterferixxu malinteressi tal-potenti."

Fo jgħid li s-sistema ddewdet b'inġustizzji u korruzzjoni, difiżi mill-gvernijiet nazzjonali, mill-forzi tassigurtà u mill-media globali. "Hu għalhekk li t-teatru jrid jibqa' relevanti billi jikxef dan kollu."

L-aktar xogħol reċenti ta' Dario Fo, Il re pazzo in Danimarca kien ippubblikat f'Jannar ta' din is-sena (2015) u stqarr li anki l-Italja għandha bżonn Re bħal dak. Ir-Re Cristiano VII fil-ħrafa tal-ġjullar għex fis-settecento u kien kapaċi jdaħħal liġijiet radikali u avvanzati għall-epoka tiegħu.

Il-ktieb ġab reazzjonijiet negattivi fil-media soċjali. Kien hemm min qal li l-Italja diġà kellha dak it-tip ta' Re fil-figura tad-Duce Mussolini. "Dak emmen f'ideoloġija miġnuna u 'avvanzata' u ħallasna l-prezz aħna." Oħrajn ikkummentaw li bħala ateu-marxista-leninista Dario Fo għandu tifosi buffi daqsu li jissapportjaw reġimi oppressivi u antidemokratiċi bħal dawk tal-Korea ta' Fuq, il-Veneżwela u Kuba.

Fo qed jagħmel kampanja intensa favur ir-refuġjati li qed jaħarbu mill-gwerra u mill-miżerja li ġġib magħha. Il-ġjullar għandu simpatiji speċjali mal-immigranti għax f'żoghżitu kien jgħin lil missieru jħarrab irrefuġjati Lhud lejn l-iSvizzera. Ikkundanna l-politika tal-Ewropa dwar l-immigrazzjoni, iddenunzja l-għeluq tal-fruntieri, ix-xenofobija u r-razziżmu. Attakka wkoll l-esplojtazzjoni u l-faqar.

Intant fid-diskors tiegħu quddiem l-Akkademja Svediża, il-ġjullar ikkundanna l-esperimenti ġenetiċi li qed jirrendu, għall-flus, il-bniedem f'ħanżir, kif ukoll il-mezzi tal-komunikazzjoni, l-injoranza tal-ġenerazzjoni taż-żgħażagħ u l-indifferenza tal-intellettwali li rari jieħdu pożizzjoni dwar l-atroċitajiet, materjali u spiritwali, fid-dinja.

Britannia Tours
... il-vjaġġ tiegħek jibda hawn!
TOP TRAVEL AGENT AWARD 2013/14
MINN €545
LOURDES
Fl-okkażjoni speċjali tal-ftuh tas-sena tal-Ġubilew u l-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni
FULL BOARD
5-9 Diċembru
MINN €479
IL-ĠISEM QADDIS TA' PATRI PIJU ĠEWWA RUMA
INŻURU Ruma, il-Vatikan u Assisi
ESKURSJONIJIET INKLUŻI
5-8 Frar
Il-prezzijiet huma kollha bbażati fuq akkomodazzjoni trippla u jinkludu t-titjiriet, lukanda, trasferimenti, servizzi ta' direttur spiritwali kif ukoll ta' tour leader u t-taxxi kollha (Kundizzjonijiet japplikaw).
Valletta - Head Office - Tel: 2123 8039, 2124 5418, 2124 1904
Paola Branch - Tel: 2180 9930 Mosta Branch - Tel: 2141 3030
Gozo Branch - Rabat Tel: 2156 5620 bsl.com.mt
IATA

Fondazzjoni Reggie Miller
GWU
Kors f'Għawdex għat-Tiġdid ta' Liċenzja ta' Gwardjani Privati
Se jsir kors ieħor li jwassal għal ċertifikat biex tiġġedded il-Liċenzja ta' Gwardjani Privati skont l-Att u r-Regolamenti dwar Gwardjani Privati u Lokali. Dan il-kors li fih żewġ sessjonijiet se jsir nhar l-Erbgħa, 11 Novembru, 2015, mill-4.00 p.m. sas-6.00 p.m., fl-Uffiċċju tal-GWU, Triq Sir Luigi Camilleri, Victoria. Imexxi l-Kors Chev. Alfred Abela.
Ħlas €25.
Membri tal-GWU iħallsu €10.
Fl-aħħar tal-kors il-parteċipanti jingħataw ċertifikat konformi mal-liġi ta' Malta.
(numru tal-liċenzja maħruġ lill-Fondazzjoni Reggie Miller : P.4867.09)
Għal iktar informazzjoni ċemplu fuq 21556473/79556473 jew b'imejl lil mmagrin@gwu.org.mt.